MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Talba Numru. 9/2006

Marpo Trading u b'digriet tas-17 ta' Marzu 2006, l-isem tas-socjeta' attrici gie kkoregut u ndikat li jaqra Marpo Trading Co. Ltd. bin-numru ta' registratzzjoni C16621

vs

Joseph Fiteni, u fis-17 ta' Marzu 2006, gew kjamati fil-kawza il-Magistrat Dottor Carol Peralta, Richard Young, u s-socjeta' TCOM Ltd, u fit-23 ta' Mejju 2006, Dottor Anton Refalo rrinunzja ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta' TCOM Ltd.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbgha mija hamsa u sebghin Liri Maltin u disgha u erbghin centesimi (Lm475.49) rapprezentanti in kwantu ghal tliet mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u disgha u disghin centesimi (Lm321.99) dovuti fuq merkanzija

mibjugha u li giet kkonsenjata lill-istess konvenut fuq struzzjonijiet tieghu stess f'The Gozo Shop'; u in kwantu ghal mija u tlieta u hamsin  Liri Maltin u hamsin centesimi (Lm153.50) interessi mill-1 ta' Jannar 2000 sallum 15 ta' Dicembru 2005, fuq din il-merkanzija mibjugha; oltre l-interessi fuq din is-somma dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk :-

1. Fl-ewwel lok trid issir il-prova li s-socjeta' 'Marpo Trading' hija persuna guridika l-ghaliex altrimenti ma ghandha l-ebda *locus standi* fil-gudizzju;

2. Minghajr pregudizzju u in linea preliminari, il-preskrizzjoni a tenur tal-artikoli 2148(a)(b) u 2156(f) tal-Kodici Civili ;

3. Fil-meritu u minghajr ebda pregudizzju, il-konvenut mhuwiex debitur lejn l-attur ghal ebda ammont ta' flus.

Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2006, giet ordnata l-korrezzjoni tal-isem tas-socjeta' attrici minn 'Marpo Trading' ghal 'Marpo Trading Co. Ltd.' bin-numru ta' registrazzjoni C16621;

Fl-istess udjenza tas-17 ta' Marzu 2006, il-konvenut irtira it-tieni eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni minnu sollevata fir-risposta tieghu tal-10 ta' Marzu 2006;

Fl-istess udjenza wkoll tas-17 ta' Marzu 2006, intablet u saret il-kjamata fil-kawza tal-Magistrat Dottor Carol Peralta, Richard Young, u s-socjeta' TCOM Ltd., liema talba giet sussegwentement irrinunzjata fil-konfront tas-socjeta' TCOM  Ltd. fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2006.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Richard Young li tghid hekk :

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2148(a), l-artikolu 2148(b), u l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

3. Illi l-esponenti Richard Young m'ghandu l-ebda responsabbilita' fir-rigward tal-hanut 'The Gozo Shop'. Dan il-hanut jappartjeni lil u huwa responsabbli ghalih unikament il-konvenut Fiteni;

4. Illi inoltre l-esponenti Richard Young ma ghandu l-ebda rapport guridiku kwalsiasi ma' l-attur fir-rigward tax-xiri mertu ta' dan l-avviz;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Joseph Fiteni.

Ra li l-kjamat fil-kawza l-iehor il-Magistrat Dottor Carol Peralta, debitament innoitifikat, baqa' ma dahhal ebda risposta, u bl-ebda mod ma kkontesta t-talba tas-socjeta' attrici.

Sama' l-provi kollha tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-bejgh ta' xi merkanzija li kienet bieghet lill-konvenut bejn Awwissu u Dicembru tas-sena 1995, li skond l-invoices esibiti a fol.67 sa 71 tal-process, il-prezz taghha kien jammonta ghal mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin u erbghin centesimi (Lm295.40), illum ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u tmenin Euro u disgha centesimi (€688.09). Il-konvenut minn naha tieghu mhuwiex jikkontesta li dan il-bejgh effettivament kien sar, u li ried

jithallas, izda jikkontendi li din il-merkanzija ma kenitx giet ordnata u li l-konsenja taghha ma kenitx saret fl-interess tieghu esklussiv, izda fl-interess ukoll tal-kjamati fil-kawza il-Magistrat Dottor Carol Peralta u Richard Young, li bejniethom it-tlieta kien sar arrangament li jifthu negozju flimkien li kienu ser isemmuh 'The Gozo Shop'. Jidher li dan il-progett kien beda jimmaterjalizza ruhhu, tant li kienet bdiet tigi rrangata l-proprjeta' tal-konvenut fix-Xaghra li kien offriha ghall-hanut minn fejn kellu jigi gestit dan in-negozju, u kien hawn hekk li l-merkanzija mixtrija minghand is-socjeta' attrici giet uzata, u kienu marru t-tlieta flimkien, u cioe' l-konvenut u l-kjamati fil-kawza fil-hanut tas-socjeta' attrici minn fejn il-konvenut kien ghamel xi ordnijiet ghal xiri ta' zebgha, dwal, u merci ohra. Jidher pero' li dan in-negozju ta' bejn dawn it-tlieta ma damx ma sfaxxa fix-xejn qabel ma fil-fatt kien infetah dan il-hanut, u l-konvenut spicca bhal erbgha fost il-gimgha mwikki bid-dejn li kien lahaq sar wara li l-kjamati fil-kawza ghosfru mix-xena.

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha u huwa konvint li x-xhieda tal-konvenut Joseph Fiteni ghandha mis-sewwa u jisthoqqilha li tigi emmnuta ghal diversi ragunijiet fosthom :

- il-kont mis-socjeta' attrici ma nfetahx, u l-konsenji ma sarux f'isem il-konvenut izda f'isem 'The Gozo Shop', kif jixhdu l-istess invoices li gew esibiti mis-socjeta' attrici, u l-*statement* mahrug minnha wkoll li fl-atti huwa markat bhala dokument AT1;

- id-dokumenti li gew esibiti mill-konvenut dwar in-negozju li kien ser jinfetah bl-isem ta' 'The Gozo Shop', li fihom dettalji li jaghtu lil dan it-Tribunal li jifhem li tassew kien sar xi forma ta' arrangament bejn il-konvenut u l-kjamati fil-kawza li jifthu negozju bejniethom taht dan l-isem;

- il-karatteristici fil-kitba li tidher ta' fuq uhud minn dawn id-dokumenti esibiti mill-konvenut, li l-espert kalligrafiku nominat minn dan it-Tribunal fuq talba tal-konvenut,

ikkonferma li huma partikolari u li hemm ‘probabilita’ qawwija’ li nkitbu minn Richard Young.

Il-konvenut ma jichadx fix-xhieda tieghu li l-merkanzija li taghha s-socjeta’ qed titlob il-hlas fil-fatt giet ikkonsenjata, u qed jaccetta li din ghandha tithallas, mhux minnu wahdu pero’, izda minnu u mill-kjamati fil-kawza flimkien ghaliex l-ordni saret fl-interess taghhom it-tlieta, u li kieku n-negozju rnexxa, kienu jgawdu minnu t-tlieta li huma. Tant li l-konvenut jaccetta li ghandu jsir u huwa dovut il-hlas lis-socjeta’ attrici li minn jeddu sa rrinunjza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li kien issoleva fir-risposta tieghu.

A rigward il-kjamat fil-kawza il-Magistrat Dottor Carol Peralta, li baqa’ kontumaci, dan it-Tribunal ma jistax hu stess iqajjem *marte proprio* l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni [artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 ; Appell, Sede Inferjuri, **Benny Camilleri vs Ian Schembri et**, 16/12/2002]. F’materja ta’ preskrizzjoni ‘*gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza, u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fondamentali fil-materja ta’ preskrizzjoni, illi dik ghandha tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk kienx hemm xi preskrizzjoni li tista’ tkun applikabbli, peress illi hija materja kollha ta’ kuxjenza (Kollez Vol XXXIII pI p481). Dan kollu necessarjament ifisser illi ritwalment il-gudikant ma jistax jirricerka ‘ex ufficio’ il-fatti kostituttivi ta’ eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, hekk riservata ‘ope legis’ lill-parti interessata biss, jew li jassumi hu dawn l-istess fatti fid-decizjoni tieghu bl-iskop li jiddikjara l-preskrizzjoni tad-dritt meta l-ebda deduzzjoni specifika ma saret f’dan is-sens mill-parti konvenuta. Xort’ohra, il-process mhux biss ikun anti-guridiku in kwantu jmur kontra disposizzjoni espressa tal-ligi, izda, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jimporta wkoll vjolazzjoni tal-principju tal-kontradittorju, sostrat ta’ kull azzjoni, in kwantu l-parti attrici ma tkunx lanqas inghatat l-opportunit` tivvaluta l-preskrizzjoni sollevata mill-Qorti fis-sentenza u ggib, skond l-ghodod procedurali konsentiti lilha, provi u sottomissjonijiet validi li kapaci jinnewtralizzaw dik l-istess preskrizzjoni*.’ [Appell, Sede Inferjuri, **Joseph Cassar noe vs Sunny Muscat**, 28/04/2004].

Il-kjamat l-iehor fil-kawza Richard Young baqa' jinsisti dwar l-eccezzjoni minnu sollevata tal-preskrizzjoni. Minkejja l-insistenza tieghu li huwa m'ghandu ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici, dan it-Tribunal mhuwiex daqstant konvint minn dan, u jemmen li kieku ma kienx ghall-arrangament li kienu lahqu bejniethom il-konvenut u l-kjamati fil-kawza, il-konvenut ma kienx ser jasal li jmur u jibqa' jaghmel ordni wara l-ohra minghand is-socjeta' attrici biex ifittex ilesti dan il-hanut li kienu sejrin jahdmuh flimkien hu w il-kjamati fil-kawza. Il-konvenut fada lill-kjamati fil-kawza u dahal ghal certu riskju, li issa l-kjamat fil-kawza jippretendi li ghandu jerfa' d-dejn kollu wahdu l-konvenut. It-Tribunal ma jqisx li dan huwa gust u ekwu la darba l-konvenut kien qed jagixxi fid-dawl tal-arrangament li huwa kellu mat-tnejn l-ohra, u jqis li huma l-konvenut u l-kjamati fil-kawza solidalment responsabbli ghad-dejn li sar in konnessjoni man-negozju li kien bi hsiebhom jaghmlu t-tlieta li huma flimkien. L-artikolu 1100 huwa car li meta wiehed mid-debituri *in solidum* jaccetta jew jirrikonoxxi d-dejn, il-preskrizzjoni ma tinkisirx biss ghalih, izda huwa jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra. Fid-dawl tar-rikonoxximent tad-dejn mill-konvenut u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jirrizultaw mill-atti u li gew osservati hawn fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ghalhekk insostenibbli.

A rigward l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, jirrizulta mill-provi, li l-valur tal-merkanzija li giet ikkonsjata kien ta' mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin u erbghin cestesimi (Lm295.40) u mhux ta' tliet mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u disa' u disghin centesimi (Lm321.99).

Ghal dawn il-motivi, jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza Richard Young, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin Euro u disgha centesimi (€688.09) ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin u erbghin cestesimi (Lm295.40), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata, u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamati fil-kawza solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici dan l-ammont, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-

konsenja ta’ din il-merkanzija sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut u l-kjamati fil-kawza solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------